ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 02** **IT-TNEJN 11 TA' MEJJU 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Jesmond Aquilina, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**02/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 01**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 01 li nżammet nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku bil-korrezzjoni msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur Ħdax -il** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 01 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**01/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**02/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li bdiet il-manutenzjoni tal-istatwa ta' San Sebastjan li għandha tkun lestha sa qabel iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Qormi. **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li huwa bħala Kunsillier responsabbli mill-Kultura, iltaqa' mal-għaqdiet li l-Kunsill preċedenti kien laħaq għamel ftehim biex Jum Ħal Qormi jiġi organizzat magħhom. **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** qara l-programm li ingħata mis-Soċjeta Filarmonika Pinto dwar is-serata li se tinżamm il-Ħadd, 24 ta' Mejju 2015. Il-Kunsill approva dan il-programm. Intant, **il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** qal li għadu qed jistenna l-programm mingħand l-Għaqda Awturi Qriema li kif jiġi mgħoddi lilu huwa se jgħaddih lill-Kunsill. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li din is-sena peress li taħbat fl-anniversarju tal-istatwa ta' San Sebastjan, Jum Ħal Qormi se jkollu t-tema relatata ma' dan l-anniversarju fejn iżda fis-sena d-dieħla se jkun hemm anniversarju relatat ma' San Ġorġ.

**02/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll, li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi għal darb'oħra applika biex jieħu sehem fil-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża. **DOK ' A'**

**02/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għandha talba mingħand **il-Kunsillier Renald Falzon** sabiex ikun hemm uffiċċju fil-bini tal-Kunsill minn fejn il-Kunsilliera jkunu jistgħu jaqdu lin-nies. Il-Kunsill iddeċieda biex kif sar fil-passat, meta jkun hemm bżonn tal-bini tal-Kunsill għal xi laqgħat il-kunsilliera għandhom javviċinaw is-Segretarju Eżekuttiv u jinstab l-arranġament neċessarju.

**02/03 MOZZJONIJIET**

**02/03/01 MOZZJONI – 01-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 01-2015:

Nipproponi li l-Unur Ġieh Ħal Qormi għas-sena 2015 jingħata lill-Carmelo (Nenu) Debono li huwa imprenditur minn Ħal Qormi; huwa id-direttur tal-kumpanija Maypole li hija wahda ewlenija f'pajjizna u li zammet hajja it-tradizzjoni lokali tal-produzzjoni tal-hobza maltija, liema servizz lir-Republika ta' Malta ingħata rikonnoxximent permezz tal-għoti tal-midalja għall-qadi tar-Repubblika fis-sena 2009.

Nipproponi li f' Jum Hal Qormi, li se tkun organizzata mill-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju 2015, jingħataw l-unuri ta' Gharfien il-Ħila kif ġej:

## Gharfien il-Hila 2015

| | |
|---|---|
| **Gieh Hal Qormi** | |
| Carmelo (Nenu) Debono | Imprenditur li ghamel success fuq livell nazzjonali fejn sahansitra inghata Gieh ir-Repubblika nhar 2009 fejn inghata midalja ghall-qadi tar-Repubblika |
| **Zghazagh** | |
| Roxanne Gauci Fabri | Mrs Qormi |
| Manuela Buttigieg | Ms World Malta 2nd Place |
| Donnha Barbara | Mudella - Finalista fil-programm Venere |
| Rebecca Tabone | Best Model Look, 2nd Overall Winner, Best Stylish Model, 1st in Jewellery Shoot |
| **Sports** | |
| Redino Apap | President Qormi FC |
| Dorianne Micallef | Segretarja Qormi FC YN |
| **Arti u Muzika** | |
| Sebastian Calleja | Kantant |
| Nicholas Bugeja | Wiehed minn ftit li f'Malta jaghmel model engineering |
| Mario Cassar | Attur Qormi u ghamel partijiet ewlenin fuq TV |
| **Servizz lill-Kunsill** | |
| Margaret Mercieca | Ilha mill-2001 |
| Jason Busuttil | Ilu mill-2004 |
| Victor Camilleri | ex Haddiem tal-Kunsill |
| Charles Farrugia | 3 snin fil-Kunsill |
| Sean Meli | 3 Snin fil-Kunsill |
| **Servizz lill-Komunita'** | |
| Renald Fenech | Jiehu hsieb il-Knisja ta' San Bastjan z-zghira |
| David Galea | Jiehu hsieb il-Knisja tal-Vitorja |
| James Camilleri | Jiehu hsieb il-Kappella tas-Santwarju tal-Hlas |
| **Sehem fl-Għaqdiet lokali** | |
| Paul Aquilina | Kaxxier tal-Ghaqda tan-Nar San Sebastjan ghal diversi snin |

| | |
|---|---|
| Ernest Barbara | President Onorarju tal-Kamra tan-Nar 23 ta' April |
| Giovann Attard | Direttur tad-drama |
| Pawlu Sammut | 25 sena servizz bhala Segretarju fil-Kumitat Festi Esterni |
| Charles Spiteri | President Socjeta Filarmonika Pinto |
| John Mary Spiteri | Direttur Ghaqda Socjo-Muzikali Anici |
| Patrick Brancaleone | Segretarju Ghaqda San Gorg Martri |
| Michael Muscat | Involut ghal snin kbar f'ghaqdiet qriema Gorgjani illum Kumitat Festi Esterni |
| Oliver Cassar | Involut ghal snin kbar f'ghaqdiet qriema Bastjanizi |
| Ernie Christ Farrugia | involut fir-Radju Bastjanizi FM. |
| **Ghaqdiet Lokali** | |
| 4Teenth Productions | Ghaqda tad-Drama |
| **Intrapriza** | |
| Karl Cardona | Sid tal-winebar Ta' Cardona. Bosta persuni barra minn Hal Qormi jfittxu dan il-post. |

**Il- Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** Ħdax-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 01-2015(VII).

**02/03/02 MOZZJONI – 02-2015(VII) - BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: GĦAŻLA TAL-OFFERTI TAL-MANUTENZJONI U ŻAMMA TAL-LATRINI PUBBLICI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 02-2015(VII):

*Nipproponi sabiex il-Bord tal-Aġġudikazzjoni msemmi hawn fuq ikun iffurmat minn dawn li ġejjin:*

*Chairperson: Rosianne Cutajar (Sindku)*
*Membri: Jesmond Aquilina (Viċi-Sindku)*
*Ralph Puli (Kunsillier)*
*Josef Aquilina (Kunsillier)*

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** Ħdax-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 02-2015(VII). Il-Bord għandu jiltaqa' fil-ġranet li ġejjin biex jibda l-proċess tal-aġġudikazzjoni peress li l-kuntratti eżistenti jagħlqu fil-31 ta' Mejju 2015.

**02/03/03 MOZZJONI – 03-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 03-2015 (VII):

*Nipproponi sabiex il-Bord tal-Aġġudikazzjoni msemmi hawn fuq ikun iffurmat minn dawn li gejjin:*

*Chairperson:* *Rosianne Cutajar (Sindku)*
*Membri:* *Ralph Puli (Kunsillier)*
*Marvin Zammit (Kunsillier)*

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax -il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 03-2014(VI). ). Il-Bord għandu jiltaqa' fil-ġranet li ġejjin biex jibda l-proċess tal-aġġudikazzjoni peress li l-kuntratti eżistenti għalaq fit-30 ta' April 2015.

**02/03/04 MOZZJONI – 04-2015(VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 04-2015 (VII):

*Nipproponi sabiex jinħatar sotto-kumitat għall-wirt storiku li għandu jkun iffurmat minn dawn il-persuni:*

*Chairperson:* *Josef Aquilina (Kunsillier responsabbli mill-Wirt Storiku)*
*Membri:* *Charles Farrugia*
*Catherine Aquilina*
*Joseph Bugeja*

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** –il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 04-2015(VII).

**02/04 RAPPORTI**

**02/04/01 SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONIJIET : KORSIJIET**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv biex jispjega din is-sejħa. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li peress li wasal biex jagħlqu it-tlett snin minn mindu kienet ħarġet is-sejħa għal *tutors* biex jiġu organizzati numru ta' korsijiet mill-Kunsill, jeħtieġ li terġa toħroġ din is-sejħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista' ta' korsijiet li se jiġu ppubblikati **DOK 'B'**

**Il-Kunsill qabel unanimament li toħrpġ din is-sejħa**.

**02/04/02 RAPPORT DWAR IL-ĠBIR TA' SKART RIĊIKLABBLI GĦAS-SENA 2014**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet ir-rapport li sar mill-Green Pak dwar l-iskart riċiklabbli miġbor f'Hal Qormi matul is-sena 2014. Għalkemm, jidher li sar progress il-Kunsill qed jiġbor 54% tal-iskart riċiklabbli meta l-miri nazzjonali huma ta' 60%. Is-Sindku Rosianne Cutajar infurmat lill-Kunsill li l-Green Pak se jħejju kampanja edukattiva bieb bieb fil-lokalita' ta' Ħal Qormi fejn permezz tagħha huwa mbassar li tintlaħaq il-mira ta' 60% u aktar. Barraminnhekk, minn Awissu 2015 il-Kunsill se jibda' jagħmel il-ġbir ta' ħġieġ kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar.

**DOK 'C'**

**02/05 KORRISPONDENZA**

**02/05/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-5'**

1. Dwar korrispondenza mill-Konsulat tal-Kolumbja, fejn talbu post fejn jistgħu jesebixxu wirja ta' pittura ta' artisti mill-Kolumbja bejn it-30 ta' Settembru u l-4 ta'Ottubru. Il-Kunsill qabel unanimament li joffri is-Sala tal-Kunsill.

2. Dwar l-ittra mibgħuta mis-Soċjeta Filarmonika Pinto fejn talbu konċessjoni biex il-fondi tal-pubblikazzjoni li ma laħqux nefqu sa qabel skada l-kuntratt, jiġu użati għall-pubblikazzjoni li se tiġi vvarata fil-5 ta' Ġunju dwar l-istorja tal-istess soċjeta', il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta sakemm din il-pubblikazzjoni tiġi vvarata mhux aktar tard mill-5 ta'Ġunju 2015.

3. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq in-Nassab biex parti minn din it-triq issir One-Way, il-Kunsill qabel unanimament fil-prinċipju iżda

se jkun qed jiġu ppreparati pjanti bi traffic management ġdid għaż-żona kollha fejn għandhom jiġu kkonsultati r-residenti.

4. Dwar Memo 10/2015, maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema dwar għajnuna għal-Libreriji Reġjonali u Lokali, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu tal-fondi għaż-żewġ libreriji.

5. Dwar ittra mill-MEPA, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni għall-fondi sabiex isir ir-restawr tal-Kappella ta' San Franġisk ġiet milqugħa u ġew allokati Eur40,807. Fil-ġranet li ġejjin għandu jiġi ffirmat il-kuntratt. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** xtaqet tirreġistra li dawn il-fondi inkisbu grazzi għall-ħidma tal-ex Kunsillier Charles Farrugia.

**02/06 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 1 ta' Ġunju 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.